# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Jannar 2001**

**Numru 8**

**Citaz. numru 188/91DS**

Dennis, Anton u Renato, ahwa Micallef
vs
Joseph Farrugia, u b'digriet tal-11 ta' Gunju 1992 stante l-mewt ta' Joseph Farrugia, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' l-armla Anna Farrugia

Illum, 17 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Frar 1991 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-atturi hadmu xoghol konsistenti f'xibka tas-sajd, ghazel u nases tas-sajd.

Illi dan ix-xoghol inhadem mill-atturi stante illi kienu ser ikunu kompartecipi mal-konvenut fi qligh mis-sajd li kellu isir permezz tal-ingenji fuq citati mahduma mill-atturi.

Illi l-atturi kkonsenjaw ix-xibka tas-sajd, l-ghazel u nases tas-sajd lill-konvenut.

Illi l-konvenut kiser il-ftehim mal-atturi stante ilii cahdilhom li jkunu kompartecipi fis-sajd kif kien miftiehem.

Illi ghalkemm il-konvenut hareg il-prezz tal-materjal ghall-ingenji fuq imsemmija, l-atturi ghandhom id-dritt li jigu kkompensati mill-istess konvenut ghax-xoghol taghhom billi l-konvenut zamm ghalih l-imsemmija xibka tas-sajd, ghazel u nases tas-sajd.

talbu lil din il-Qorti:

1. Prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut ghamel qligh ndebitu kontra l-attur.

2. Tillikwida favur l-atturi dik is-somma okkorrendo permezz ta' periti nominandi rappresentanti x-xoghol taghhom filli hadmu x-xibka tas-sajd, l-ghazel u n-nases tas-sajd.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid tad-29 ta' Jannar 1991 u tal-mandat ta' sekwestru tal-4 ta' Frar 1991 kontra l-konvenut ngunt biex jidher in-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Anna Farrugia fejn qalet:

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-uniku xoghol li sar mill-atturi kien xi tiswija tax-xibka tal-pixxispad propjeta' ta' zewgha liema tiswija kienet issir wara sajda li fiha kienu kompartecipi l-atturi fl-ispejjez u kemm fil-qabda.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-28 ta' Ottubru 1993 fejn gie nominat l-assistant gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jigbor ix-xiehda;

Rat il-verbali kollha tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz tac-citazzjoni l-atturi qed jitolbu li tigi likwidata favur taghhom dik is-somma li tirrispekkja x-xoghol taghhom biex hadmu xibka tas-sajd, ghazel u nases tas-sajd u li huma jghidu li hadmu peress li kienu ser ikunu kompartecipi mal-konvenut Joseph Farrugia fi qligh mis-sajd li kellu jsir permezz ta' dawn l-ingenji. Filwaqt li jghidu li l-imsemmi Joseph Farrugia hareg il-prezz tal-materjal ghall-imsemmijin ingenji, isostnu li l-imsemmi Joseph Farrugia cahdilhom li jkunu kompartecipi fis-sajd kif miftiehem u zamm ghalih tali ingenji.

L-indagini li trid taghmel il-Qorti ghandha tkun naturalment limitata ghall-ambitu tat-talbiet fic-citazzjoni, u dan qed jinghad peress li kif ser jirrizulta l-atturi fix-xiehda taghhom avvanzaw pretensjonijiet li jmorru 'l hemm mit-talbiet originali taghhom.

Jigi wkoll notat li Joseph Farrugia miet qabel ma gie notifikat bic-citazzjoni u, wara li saret it-trasfuzjoni ta' l-atti f'isem l-armla tal-konvenut, ic-citazzjoni giet notifikata lilha u fl-eccezzjonijiet taghha sostniet li l-uniku xoghol li ghamlu l-atturi kien xi tiswija tax-xibka tal-pixxispad proprjeta` ta' zewgha u liema tiswija kienet issir wara xi sajda li fiha kienu jkunu kompartecipi l-atturi kemm fl-ispejjez u kemm fil-qabda.

Sa hawn pero` jidher mhux kontradett li l-atturi wettqu xi xoghol u li kien hemm xi forma ta' ftehim bejnhom u d-*decuius*. X'kien dak il-ftehim?

L-atturi xehdu permezz tal-procedura ta' l-*affidavit*. Huma qalu li l-arrangament ma' Joseph Farrugia kien li hu jixtri l-materjal u huma jahdmu, jarmaw u jsewwu x-xbieki u meta jlestu jmorru jistadu u l-profitt mis-sajd jinqasam bejniethom. Qalu li anke tawh Lm360 meta kien se jitla' Sqallija sabiex jixtrilhom ix-xbieki ghalihom. Minhabba l-ftehim li kellhom, qatt ma thallsu ta' idejhom. Damu jahdmu mal-konvenut ghal sitt xhur biss peress li nqalghet kwistjoni ma' Farrugia, u ma baqghux jahdmu bi shab aktar mieghu. Izda l-materjal li hadmu fuqu zammu kollu hu. L-atturi sostnew li Farrugia kien offra li jhallashom ta' idejhom izda ma kinux ftehmu dwar l-ammont u ghalhekk saret din il-kawza. Ghalhekk huma qed jippretendu hlas ghax-xoghol li ghamlu kif ukoll li xi ghodod fil-pussess tal-konvenut (illum konvenuta) li huma ta' proprjeta` taghhom jigu ritornati lilhom. Huma ndikaw wkoll xi xbieki, inkluza xibka li nxtrat minn Sqallija.

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi mhumiex jitolbu r-ritorn ta' xbieki u ghodod u l-Qorti ghalhekk ma tistax taghti aditu ghal tali rikjesta izda

tibqa’ fit-termini tac-citazzjoni u cioe` b’riferenza ghax-xoghol li jghidu li ghamlu biex hadmu xibka tas-sajd, ghazel u nases tas-sajd.

Issa mill-imsemmijin *affidavits* stess l-atturi ma jispecifikawx bi precizjoni x-xoghol li huma ghamlu; ma jispjegawx kemm-il xibka ghamlu u jekk effettivament hadmux imqar xibka wahda. Dwar ghazel u nases ma jghidu xejn. In kontro-ezami l-attur Dennis Micallef isemmi biss xibka wahda tal-konvenut li hadmu fuqha. L-attur Antoine Micallef in kontro-ezami jghid li dak li kienu qeghdin iraqqghu ma kinux taghhom izda ghodda ta’ Farrugia li kellu xbieki twal hafna u zghar ukoll u li Farrugia kien ighid li kien fihom xi sbatax-il mil.

L-atturi pproducew xi xhieda li lkoll qalu li ghal certu perijodu kienu jarawhom jahdmu b’mod konsistenti fil-garaxx ta’ Farrugia. Stranament pero`, l-atturi ma jindikawx x’inhi l-pretensjoni taghhom ghax-xoghol li jghidu li ghamlu; anzi Antoine Micallef in kontro-ezami jghid li ma jiftakarx kemm qed jippretendi flus. L-unici indikazzjonijiet johorgu mill-kopji tal-mandati kawtelatorji esebiti mill-konvenuta ma’ rikors taghha tat-8 ta’ Awissu 1995 (sostitwit b’rikors iehor tal-11 ta’ Awissu 1995). Dawn huma mandat ta’ sekwestru numru 334/91 ghall-ammont ta’ Lm2800 bhala ammont dovut ghal xoghol ta’ xibka tas-sajd u ghazel, u mandat ta’ sekwestru numru 640/95 u mandat ta’ impediment tas-safar numru 641/95 ghas-somma ta’ Lm7000 bhala pretensjoni dedotta wara din ic-citazzjoni.

Il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha. L-atturi ma pprecizawx ix-xoghol li ghamlu b’mod li jista’ jigi kwantifikat. Barra minn hekk il-ftehim kien li Farrugia jipprovdi l-materjal, huma x-xoghol u mis-sajd jaqsmu l-profitti. Certament l-atturi kienu qed jidhlu ghal arrangament riskjuz: kienu jafu li Farrugia marid hafna, mela kemm seta’ jdum fis-sehh tali ftehim? Ma jirrizultax li ssemma’ perijodu ta’ zmien. Ma jirrizultax li ssemma’ xi kumpens iehor ghajr il-qsim tal-profitti. Dennis Micallef jilmenta li bix-xibka ta’ Farrugia darba biss hargu. Qal li b’sajda jifhem gurnata xoghol u mhux jitfghu zewgt ixbieki kemm jaqbdu xi haga x’jieklu; hargu hekk aktar minn ghaxar darbiet. Antoine Micallef ighid li darba marru jistadu jew xi haga hekk. U jekk ghall-grazzja ta’ l-argument kellhom johorgu mitt darba u ma jaqbdu xejn, xorta kienu jippretendu kumpens ghax-xoghol ta’ idejhom? Ir-riskju jibqa’ dejjem taghhom u ma jistghux javvanzaw tali pretensjoni. Inoltre jirrizulta li hadu riskju iehor meta involvew ruhhom ma’ Farrugia f’operazzjoni illegali ta’ stampar u cirkolazzjoni ta’ flus foloz li temmet hesrem il-ftehim li kellhom. Dennis Micallef stess, mistoqsi ghaliex

spicca l-ftehim tas-shab, iwiegeb: "Saru flus foloz. Qalilna mmorru nqassmuhom u nqbadna mill-ewwel".

Il-Qorti hawn tirreferi wkoll ghax-xiehda ta' Anna Farrugia li qalet li l-atturi u zewgha kienu johorgu jistadu flimkien bid-dghajsa ta' zewgha u l-qabda kienet tinqasam. L-atturi kienu jsewwu x-xibka li kienu jistadu biha u kellhom anke l-uzu tal-garaxx, Zewgha kien jislifhom l-landrover u gieli telghu jieklu d-dar ghandha. Antoine Micallef jikkonferma li l-konvenuta gieli kienet tlestilhom xi ikel u li kienu juzaw il-garaxx u l-van ta' Farrugia li qatt ma talabhom xi hlas. Jigifieri certu kumpens kien hemm. M'hemmx dubju li Joseph Farrugia, peress li kien marid, kellu bzonn min ighinu. L-atturi da parti taghhom hassew li setghu jaghmlu xi gwadann finanzjarju. Huma ma kinux impjegati mieghu izda dahlu ghal ftehim li kellu jwassal ghall-qsim ta' profitti mis-sajd: hadu diversi riskji u l-profitti ma sarux. Ir-riskji ghandhom ibaghtuhom huma. Ma jistghux jippretendu li jithallsu tax-xoghol li setghu ghamlu anke peress li kienu ferm vagi fil-pretensjonijiet taghhom. Ghalhekk ma rnexxilhomx jippruvaw li Joseph Farrugia ghamel xi qligh indebitu u konsegwentement it-talbiet taghhom ma jistghux jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur